BROOKE BORG ... TFAJLA B'DETERMINAZZJONI KBIRA

DANIEL BARTOLO / dbartolo@unionprint.com.mt



Il-kantanta Brooke Borg twieldet 27 ta' Ottubru, 1992, jiġifieri din is-sena se taghlaq 25 sena. Ghal dawk interessati Brooke mhijiex miżżewġa imma gharusa. Hi gradwata fl-Interior Design u kif ukoll filkant. Brooke qalet li hija tfajla sensittiva ħafna iżda fl-istess ħin hija żbukkata u persuna ċajtiera.

Kif u meta ndunajt li ghandek talent mużikali?

Hija, Brendan, beda ikanta meta kien żghir, u tista' tghid li bis-saħħa tieghu jien bdejt nuri interess fil-mużika partikolarment fil-kant. Min hemmhekk ommi u missieri ddeċidew li jibdew jieħduni ghal-lezzjonijiet talkant. Bqajt, bqajt, sakemm wettaqt Higher Diploma filvuċi f'Londra.

Min spirak l-aktar biex tkompli b'dan it-talent?

Id-determinazzjoni tieghi qatt ma waqfet u dik waħedha kienet biżżejjed, iżda nista' nghid b'wiċċi l-quddiem, li bis-sapport tal-familja bqajt nistinka u nigri wara l-holm tieghi.

Kif tispjega l-esperjenza tieghek fil-Eurovision?

Indimentikabli. Aħna l-kantanti vera niehdu gost nipparteċipaw f'konkors li l-Maltin jistennew bi ħgarhom. Apparti min hekk, irrispons tan-nies ghas-sentejn li ppartecipajt kien talgenn. Nirringrazzja lil kulħadd min hawn tas-sapport u l-kuraġġ li dejjem tawni kemm qabel u wara l-Eurovision.

Taħseb li l-isbuħija tghin filqasam muzikali?

Jiena personalment nemmen li ma taghmilx differenza. Huwa kif tuża li ghandek li jgħodd. Fl-aħħar mill-aħħar nemmen ukoll li l-importanti hu li persuna taċċetta lilha nnifisha kif inhi u tħobb lilha nnifisha ta' li hi.

Kantant/a Malti li tammira?

Nammira ħafna lill-kantanta Mary Spiteri

X'opinjoni ghandhek dwar il-mużika Maltija?

Ghixt sitt snin f'Londra u nista' onestament nghidlek jetà, iġġegħlek tifhem u temmen kemm trid taqdef.

X'qed nistennew aktar filfutur riċenti fil-qasam mużikali tieghek?

Il-mużika min-naħa tieghi mhux se tieqaf fil-Eurovision biss. Qiegħda naħdem fuq EP ta' ħames diski originali tieghi, ma' *songwriters* kemm Maltin kif ukoll barranin.

Kieku kellek ghażla ta' superpotenza, xi tkun u kif tużaha?

Kieku nista', inwaqqaf ilħin tad-dinja, biex inkun nista' ingawdi lill-familja tieghi fit-tul.

Apparti l-mużika thobb xi sport jew xi delizzju ieħor?

Inħobb ħafna l-arti, u min dejjem kelli gibda ghallghawm.

Diffiċli li jkollok ħbieb talqalb f'ħajtek jew ħafna jaghżlu li jkunu ħbieb tieghek ghax int popolari?

Diffiċli ikollok ħbieb talqalb mhux ghax popolari, jien ma' nqisx ruhi popolari, li ghandna nies b'talent kbir f'din il-gżira tant żghira. Ghandna biex niftaħru.

Kif tispjega l-esperjenzi u ttaghlim li kellek barra minn Malta?

Esperjenza unika. Tgħallimt ħafna u kbirt ħafna, ghax tiltaqa' ma ħafna nies ta' kultura u storja, kompletament differenti min tieghek. Anke fil-mużika, tiltaqa' ma' ħafna nies li jieħdu l-karriera u l-istudju bis-serizda ghaliex, id-dinja ta' llum hi waħda kompetittiva u ghalhekk kulħadd moħħu fl-affarijiet materjalistiċi. Diffiċli ħafna ssib nies b'valuri.

Messaġġ qasir ħafna ghallqarrejja ta' IT-TORĊA?

Grazzi lill-qarrejja kollha ta' IT-TORĊA. Grazzi talli dejjem urejtuni sapport u talli sibtu l-ħin biex taqraw din l-intervista biex issiru tafuni aktar mill-qrib. Grazzi!

Tfajla minn Ħal Qormi tirbaħ il-"World Next Top Model Malta 2017"

Sabrina Spiteri, tfajla ta' 22 sena minn Ħal Qormi ġiet inkurunata r-rebbieħa tal-konkors "World Next Top Model Malta 2017" organizzat minn Gaffiero Productions.

Il-konkors "World Next Top Model Malta 2017" sar fi "Sky Club", Paceville, fost attendenza numeruża li ġiet biex tassisti u taghti l-appoġġ taghha lill-kontestanti. Ghal dan il-konkors ħadu sehem 20 tfajla li rappreżentaw diversi lokalitajiet Maltin, u li minnhom intagħżlet it-tfajla rebbieħa li se tirrappreżenta lil Malta fil-konkors prestiġġjuż li ghal din is-sena se jsir fil-Lebanon, f'Mejju li ġej.

Il-mudelli kienu ġġudikati minn ghaxar ġudikaturi magħżulin ghall-okkażjoni, bil-punti jingħataw ghal żewġ sessjonijiet differenti: l-ewwel waħda b'ilbies tal-baħar, filwaqt li l-oħra b'ilbies eleganti. L-aħħar ħames kontestanti ġew mistoqsijin domanda kull wieħed biex ġew moghtijin wkoll il-punti skont il-kunfidenza u l-personalità li wrew.

Din is-serata ġiet ippreżentata minn Alana Bondin u Ivan Gaffiero, bil-mistiedna speċjali, il-kantanta Gaia Cauchi.

Fit-tieni post, wara Miss Qormi, ġiet Miss Tas-Sliema, Christina Ellul Vincenti, filwaqt li fit-tielet post ġiet Miss Ħal Gharghur, Denise Spiteri. Fir-raba' u l-ħames post insibu lil Miss Ħal Tarxien, Nicole Cunningham u lil Miss Naxxar, Stephanie Mizzi, rispettivament.

L-arti u l-kunflitti spiritwali fil-Mediterran

The Mdina Cathedral APS Contemporary Art Biennale (1)

CLINT CALLEJA

Din is-sena t-tema magħżula ghall-Imdina Biennale tal-Arti kontemporanja organizzata mill-Kattidral tal-Imdina bil-kollaborazzjoni tal-APS Bank, se titratta l-kunflitti spiritwali fil-baħar Mediterran. F'din il-wirja se naraw diversi modi ta' kif l-arti tista' tirrispondi ghallfehmiet spiritwali differenti f'dan ir-reġjun. L-istorja ta' dan il-baħar, li hu post fejn jiltaqgħu identitajiet, kulturi u reliġjonijiet differenti, hi mimlija b'kunflitti fuq diversi aspetti. Dawn ħallew influwenza fuq l-arti li ħarġet mill-pajjiżi li jdawru dan il-baħar. Meta wieħed jistudja l-istorja ta' din l-arti, joħroġ biċ-ċar li din evolviet u nbidlet skont iċ-ċirkostanzi politiċi, soċjali u reliġjużi li jkun ghaddej minnu dan ir-reġjun. Minħabba l-post ċentrali u strateġiku li Malta ghandha f'dan il-baħar, l-iżvilupp talarti ta' dan il-pajjiż kien influwenzat ukoll b'mod inevitabbli minn dawn l-episodji.

Iżda dawn il-grajjiet ta' kunflitti mhumiex riservati ghall-passat biss. Ta' kuljum qegħdin jinkitbu paġni ġodda fl-istorja kumplessa ta' dan il-baħar, u bħalma dejjem ġara, Malta qiegħda tiġi kontinwament influwenzata minn dawn is-sitwazzjonijiet. Iżda ta' min wieħed jistaqsi jekk l-arti ghadhiex tirrispondi ghal dawn il-ġrajjiet li qed iseħħu madwarna bl-istess mod u energija li nilqaġħu magħhom fil-passat. Bis-saħħa tat-tema magħżula ghal din is-sena, il-Biennale se terġa' tqajjem id-dmir li ghandha l-arti li taġixxi ghal dawn is-sitwazzjonijiet. Din il-wirja se toffrilna diversi modi ta' kif l-arti kontemporanja tista' twieġeb ghal dawn il-kunflitti. Numru ta' artisti, kemm lokali, kif ukoll internazzjonali, se jiltaqgħu taħt saqaf wieħed u kull wieħed u waħda minnhom se jirrispondu artistikament ghal dawn il-kunflitti bilmod u bl-istil personali taghhom. Se jkun ta' interess x'se jaghżlu dawn l-artisti bħala l-idea ċentrali li se jaghtu lixxoghol taghhom. Jekk hux se jharsu lejn il-passat u jindirizzaw kunflitti spiritwali li seħħew matul l-istorja talbaħar Mediterran, jew jekk jaghżlux li jittrattaw episodji li qegħdin iseħħu fil-preżent.

Meta wieħed jikkonsidra li fl-istorja tal-Imdina nsibu diversi episodji fejn kulturi, reliġjonijiet u ideat differenti jiltaqgħu, din il-belt żghira se toffri post ideali biex tiġi indirizzata din it-tema. L-arkitettura minn perjodi differenti li nsibu madwar it-toroq tal-Imdina hi xieħda artistika li ħallew dawn il-grajjiet. L-aktar kuntrast evidenti qed jinħoloq bejn l-arkitettura bi stil medjevali u dik barokka. Fost dawn ix-xhieda arkitettonici, hemm il-Mużew tal-Kattidral tal-Imdina, li fih se tiġi organizzata l-Biennale ta' din is-sena. Mibni f'nofs is-Seklu 18, l-ispazju barokk li joffri dan il-bini se joħloq kuntrast interessanti ma' xogħlijiet kontemporanji li finalment se jintgħażlu ghallesebizzjoni. Wieħed jistenna li f'din il-wirja, anke x-xogħlijiet tal-arti nfushom se joholqu kunflitt ta' ideat u stili bejniethom. Se tkun ukoll ta' interess id-differenza li se tinħoloq bejn ix-xogħlijiet kreati minn artisti li jgħixu fil-pajjiżi madwar il-Mediterran u li b'hekk huma direttament affettwati minn dawn il-kunflitti, u dawk li m'ghandhom l-ebda kuntatt ma' dan il-baħar.

The Mdina Cathedral APS Contemporary Art Biennale, li ghal darb'oħra se tkun taħt id-direzzjoni artistika ta' Giuseppe Schembri Bonaci u t-tim tieghu, se tiftaħ fit-13 ta' Novembru, 2017 sas-7 ta' Jannar, 2018. Il-proċess talgħażla tal-artisti li se jipparteċipaw f'din il-wirja ghadu qed iseħħ u s'issa ġew ikkonfermati 12-il artist. Dawn huma Victor Agius, Anthony Catania, Sina Farrugia Micallef, Joseph Agius, Darren Tanti, Guy Ferrer, Richard Shields, Michael von Cube, Vincent Cõme, Lena Lapschina, Nicola Arkell u Renay Elle Morris.

Aktar informazzjoni dwar dawn l-artisti kif ukoll dwar l-Imdina Biennale tinstab fuq is-sit www.mdinabiennale.com.

"KOLBE" ... ir-rock-opera ġdida issa f'Malta

Wara s-suċċess kbir li kisbet ir-*rock-opera* "KOLBE" li saret f'Ghawdex ftit tal-ġimgħat ilu, issa, fuq stedina tal-Provinċja Maltija tal-Patrijiet Frangiskani Konventwali, din ir-*rock-opera* se ssir f'Malta. "KOLBE" qed tittella' mill-Ghaqda Drammatika tal-Oratorju Don Bosco ta' Ghawdex f'gheluq il-75 sena mill-mewt ta' San Massimiljanu Kolbe fil-kamp talkonċentrament ta' Auschwitz, il-Polonja fit-Tieni Gwerra Dinjija, kif ukoll filmitt sena mit-twaqqif tal-Milizzja tal-Immakulata, organizzazzjoni internazzjonali mwaqqfa mill-istess San Massimiljanu Kolbe.

Il-ġrajja ta' "KOLBE" hija msejsa fuq il-fidi qawwija ta' dan l-eroj u d-devozzjoni tieghu lejn il-Madonna. Hija ġrajja minsuġa mal-valuri tas-solidarjetà, l-inklużjoni, il-paċi u l-ħelsien – kollha valuri li ghadhom meħtieġa fis-soċjetà taghna tal-lum. U ghalhekk il-messaġġ li trid twassal din ir-*rock-opera* ghadu attwali ħafna.

"KOLBE" hu spettaklu ta' saghtejn ta' mużika kontinwa mill-isbaħ, minsuġa b'kant u żfin u mtella' minn kast ta' madwar mitt persuna. Il-mużika tieghu ghal solisti u korijiet, hija miktuba fuq stili differenti li jvarjaw minn *ballads*, ghal *rock*, folk, blues u generi oħrajn, li imma jolqtu żgur il-gosti ta' kulħadd. Il-karattri ewlenin f'"KOLBE" qed ikunu interpretati minn Ruth Portelli, Mario Caruana, Jamie Camilleri u Lara Xerri Mompalao. Kantanti oħra jinkludu Sarah Bonnici, Maria Cassar, Fabian Galea, Angelica Portelli u Mario Portelli. Il-mużika nkitbet mit-Taljan Daniele Ricci, waqt li l-arrangamenti vokali ħallew f'idejn Mario Caruana u Evelyn Bonnici. Id-direzzjoni artistika hija f'idejn Saviour Cremona.

Ir-*rock-opera* "KOLBE" se ssir fit-Teatru tal-Istitut Kattoliku l-Furjana nhar is-Sibt, 22 ta' April, fis-7.30 p.m. Iddħul se jkun b'xejn, imma se tintalab donazzjoni libera b'riżq il-Missjoni tal-Patrijiet Frangiskani fil-Venezwela. Minkejja li d-dħul se jkun b'xejn, grazzi ghall-Frangiskani Maltin, tajjeb li l-biljetti jkunu riservati minn qabel. Biex wieħed jirriserva l-biljetti, jeħtieġ li jmur l-Istitut Kattoliku jew iċempel fuq 21238429.

Stilel tal-futur

Niltaqgħu ma' Mariah Costa

Mariah Costa twieldet fl-25 ta' Lulju, 2004 u tghix l-Imqabba mal-familja taghha. Tattendi l-Iskola Sekondarja Kullegġ San Benedittu f'Ħal Kirkop.

Titgħallem l-Iskola tal-Mużika Johann Strauss u l-ghalliema taghha hi s-soprana Karmena Radovska.

MAL-KOR

Mariah kienet tattendi l-Johann Strauss School of Music ghal-lezzjonijiet tat-teorija mal-ghalliema Ms Moira Azzopardi Barbieri, u darba fost l-ohrajn Mariah uriet ix-xewqa lil Ms Barbieri biex tismaha tkanta. Malli semghata rreferietha ghal ghand Ms Simone Attard (Il-Choir Mistress tal-Mirabitur Choir).

Ta' sitt snin Mariah inghaqdet mal-Kor Mirabitur. L-ewwel esperjenza taghha ma' dan il-kor kienet filkunċert Karmina Burana ta' Karl Olaf li kien sar fit-23 ta' Lulju, 2011, f'Dar il-Mediterran, il-Belt u min hemm ħadet sehem f'diversi attivitajiet ta' prestiġġju, fosthom meta ħadet sehem fil-Malta International Children's Choir u kkwalifikaw fl-ewwel post u ħadu il-Golden Diploma. Mariah ħadet sehem f'żewġ opri li huma "Cavalleria Rustika" u "Pagliacci" fit-Teatru Manoel fejn hija kellha l-karattru ta' waħda mit-tfal fl-imghoddi.

Mariah kellha l-opportunità li tkanta fil-Vatikan, Ruma fil-preżenza tal-Papa Frangisku 1.

Matul is-snin ħadet sehem f'diversi kunċerti fosthom il-Kunċert ta' Karl Jenkins, Porgy and Bess – George Gershwin, MPO plays the Queen.

Ħadet sehem waqt il-quddiesa fil-KonKatidral ta' San Ġwann meta laħaq l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Pawlu Cremona, f'kunċerti tal-Milied f'Kastilja – Il bambini tal-Milied f'Malta, waqt riċeviment fl-Ambaxxata Taljana, fil-preżenza tal-Ambaxxatur Taljan Giovanni Umberto di Vito, waqt quddiesa fl-okkażjoni tal-50 sena mit-twaqqif tad-Dar tal-Providenza, waqt il-quddiesa Solenni fl-okkażjoni tal-ġurament tal-ħatra tal-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca. Kunċert b'ringrazzjament lill-Polplu Malti meta ghalaq it-terminu ta' Presidenza l-E.T Dr George Abela, u kif ukoll f'ċerimonji u anke fi ġbir ta' fondi ghal persuni fil-bżonn fosthom id-Dar tal-Providenza.

BHALA SOLISTA

Ta' disa' snin, uriet ix-xewqa li tattendi l-lezzjonijiet tal-vuċi bħala solista, l-ghalliema taghha, is-Soprana Karmena Radovska milleewwel uriet interess fiha u heġġitha biex tibda tattendi t-taghlim tal-kant klassiku. Mariah kantat diversi drabi bħala solista fosthom waqt kunċert tal-Milied mat-Teatru Manoel Youth Opera, kantat l-Innu tal-iskola tal-muzika Johann Strauss fl-40 anniversarju mit-twaqqif tal-iskola, kantat fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni waqt riċeviment tal-Milied, u waqt iċ-Ċerimonja tal-Premjazzjoni tal-iskola tal-mużika. Matul is-sena tiehu sehem f'diversi *class concerts*.

Mariah attendiet diversi master classes tal-vuċi, fosthom mas-Soprana Miriam Gauci u mas-Soprana Guliette Bisazza fejn kellha l-opportunità wkoll li tkanta waqt dawn il-classes.

Apparti l-kant Mariah thobb idoqq u titgħallem il-vjolin fejn hi qed tkompli bit-taghlim u l-istudju taghha fl-iskola tal-mużika Johann Strauss. Mariah kellha l-opportunità li tieħu sehem f'diversi partijiet tad-drama, l-aktar tal-iskola fosthom fil-*musical* "The Lion King" u fil-pantomina "Gżira tat-Teżor".

Din is-sena Mariah ħadet sehem fil-festival "The Maltese Island Festivals" fejn rebħet l-ewwel post fil-kategorija tal-mużika Klassika u kellha kliem ta' inkorraġament mil-ġurija barranija.

Il-kant ghal Mariah huwa parti minn ħajtiha u meta tkanta thoss fiha ċertu armonija. La tikber tixtieq li tiżviluppa aktar it-talent taghha barra min Malta.